**14 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Michael Spiteri

**Indiġenza — Reat tal-Kap tal-Familja li Jħalli l-Mara fil-Bżonn — "Relief".**

*L-argument tal-kap tal-familja li jħalli l-martu u lill-uliedu fil-bżonn, fis-sens illi ma hemmx ir-reat dedott kontra tiegħu għax fil-fatt martu u wliedu ma humiex fil-bżonn, u wieħed mill-elementi ta' dan ir-reat hu li l-mara u/jew it-tfal ikunu fil-bżonn, huwa inġenjuż u speċjuż, iżda ma jreġġiex. Jekk*

*il-mara taħdem, u anki tirċievi assistenza soċjali, b'daqshekk ir-raġel ma huz meħlus mill-imputazzjoni; għax malli hu ħallihom fil-bżonn ir-reat ġie konsumat. Wieħed għandu jħares mhux lejn iċ-ċirkustanzi li żviluppaw ruħhom minħabba l-aġir tiegħu kriminuż, imma lejn il-mument li fih hu ħallihom fil-bżonn. Inkella jiġi li jingħataw lill-imputat bħala skriminanti l-konsegwenzi tar-reat li hu kkommetta. Anzi, jista' jiżdied illi dawk l-istess ċirkustanzi li fuqhom hi elevata eċċezzjoni simili, ċjoè li l-mara qegħdha taħdem u tirċievi għajnuna soċjali lilha u lill-uliedha, jippruvaw kemm hu veru li r-raġel ħallihom fil-bżonn.*

*Il-kap tal-familja li jabbanduna lill-martu u lill-uliedu billi jħallihom fil-bżonn jikkommetti dan ir-reat anki jekk il-mara tmur taħdem u taqla' l-ġurnata; għax il-potenzjalità tad-dannu għas-soċjetà u d-diżordni familjari jibqa' dejjem.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli l-Gżira u bnadi oħra, f'dawn l-aħħar tnax il-xahar, ħalla lill-martu u lit-tfal minuri tiegħu fil-bżonn minħabba ħajja bla qies;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Diċembru 1958, li biha sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher illi l-imputat, għall-kors tal-aħħar ħames jew sitt snin, bl-ebda mod ma jista' jingħad li mantna lill-martu u lis-sebgħa wliedu......;

Irriżulta li mart l-imputat qegħedha taħdem u taqla' erbatax il-lira fix-xahar, u tieħu assistenza mill-Gvern £1.2.0 oħra. Għalhekk id-difiża elevat l-eċċezzjoni li ma

hemmx ir-reat, għaliex wieħed mill-elementi hu li l-mara u/jew it-tfal ikunu fil-bżonn, mentri fil-fatt dawn ma humiex fil-bżonn;

Dan l-argument, għalkemm *inġenjuż u speċjuż*, ma jreġġix. Difatti, mart l-imputat qegħdha taħdem, u qegħdha tingħata lilha u lill-uliedha assistenza soċjali, "appuntu għax l-imputat ħallihom fil-bżonn". Malli hu ħallihom fil-bżonn, ir-reat kien konsumat. Sabiex wieħed jara jekk ir-reat ġiex kommess jew le, ma għandux iħares lejn iċ-ċirkustanzi li żviluppaw ruħhom minħabba l-aġir tiegħu kriminuż, imma għandu jħares lejn il-mument li fih hu ħallihom fil-bżonn. Inkella jiġi li jingħataw lill-imputat bħala skriminanti l-konsegwenzi tar-reat li hu kkommetta. Anzi, jista' jingħad li dawk l-istess ċirkustanzi li fuqhom hi elevata l-eċċezzjoni, ċjoè li mart l-imputat qegħdha malġenituri tagħha, li tliet itfal qegħdin f'istitut, li martu qegħdha taħdem, u li qegħdha tingħata lilha u lill-ulied komuni assistenza governattiva, dawn kollha jippruvaw kemm hu veru li ħallihom fil-bżonn;

Sewwa qal, a propożitu ta' eċċezzjoni simili, l-Imħallef Professur Dr. Edgar Ganado, sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "La Polizia vs. Tabone", 17 gennaio 1931:— "Nel diritto, la società è interessata che il capo della famiglia provveda pel coniuge e pei figli; e se questi, per non morire di fame, trovano il necessario ed immediato aiuto in persone strette di famiglia, ed, essendo tale aiuto insufficiente, la moglie si mette a servizio di persone come domestica, non esula per ciò la figura del reato contemplato nella succitata disposizione. Il capo di famiglia che abbandona la moglie ed i figli, lasciandoli sprovvisti, consuma il reato ivi contemplato, anche se tale moglie si mette al lavoro e quindi guadagna la giornata, in quanto che la potenzialità del danno alla società e il disordine famigliare rimane sempre";

Ikkunsidrat;

Ma hemm xejn x'ingħad kwantu għall-piena, data l-kondotta tal-imputat kif tidher mill-fedina penali fl-inkar-

tament, u data anki n-nonkuranza tiegħu hekk gravi taddoveri tiegħu bħala konjuġi u missier;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.